MT 2024

16

Rapport Speċjali

# Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik

## Bidu diffiċli u mxekkel minn data li mhijiex suffiċjentement kumparabbli jew affidabbli


QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Werrej


Paragrafu

## Sommarju eżekuttiv I - VIII

## Introduzzjoni 01 - 17

### Ir-riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik 01 - 07

### Kalkolu u ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik 08 - 10

### Kalkolu tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u riċiklat 11 - 15

### Rwoli u responsabbiltajiet 16 - 17

## Ambitu u approċċ tal-awditjar 18 - 24

## Osservazzjonijiet 25 - 94

### L-introduzzjoni tar-riżorsa proprja ġdida ma kinitx bla xkiel, u rriżultat fi stimi mhux preċiżi 25 - 60

L-Istati Membri ma kinux suffiċjentement imħejjija, u l-appoġġ tal-Kummissjoni kien rilevanti iżda mhux f'waqtu 25 - 41

Definizzjoni inkonsistenti ta' *plastik* u inċertezza legali xekklu l-introduzzjoni armonizzata tar-riżorsa proprja 42 - 53

Fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik prevista kienet stmata b'mod insuffiċjenti b'EUR 1.1 biljun u l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING kellhom jikkumpensaw sabiex jibbilanċjaw il-baġit tal-UE 54 - 60

### Il-problemi bil-kumparabbiltà u bl-affidabbiltà tad-*data* għad iridu jiġu indirizzati 61 - 94

L-Istati Membri jużaw metodi ta' kumpilazzjoni differenti u ma jibbilanċjawx ir-riżultati miksuba 61 - 66

Il-kejl tal-ammont riċiklat ma jitteħidx fil-punt tad-dħul fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ 67 - 71

Hemm riskju li d-*data* dwar il-kwantitajiet riċiklati jaf ma tkunx affidabbli, minħabba nuqqas ta' verifiki fuq l-ipproċessar tal-iskart li jasal għand ir-riċiklaturi 72 - 88

L-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni jsegwu proċessi stabbiliti sew, iżda mhumiex suffiċjenti biex jindirizzaw l-ogħla riskji għall-kumpilazzjoni tad-*data* 89 - 94

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 95 - 98

## Annessi

### Anness I – Il-kontribuzzjonijiet netti tal-Istati Membri għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik fl-2023 u t-tnaqqis korrispondenti

## Abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

## Kronoloġija

## Tim tal-awditjar

# Sommarju eżekuttiv

**I** Ir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea huma s-sorsi prinċipali ta' dħul għall-baġit tal-UE. F'Jannar 2021, l-UE introduċiet riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat mill-Istati Membri. L-għan kien li jiġu diversifikati s-sorsi tad-dħul tal-UE u li jingħata kontribut għall-objettivi ambjentali tagħha billi l-Istati Membri jingħataw inċentiv biex inaqqsu dan it-tip ta' skart. Fl-2023, id-dħul mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik ammonta għal EUR 7.2 biljun, jiġifieri 4.0 % tad-dħul totali tal-UE.

**II** L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li jiġi eżaminat il-qafas li l-Kummissjoni stabbiliet, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għall-ġestjoni ta' din ir-riżorsa proprja. B'mod partikolari, ivvalutajna jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux suffiċjentement imħejjija għall-introduzzjoni tar-riżorsa proprja l-ġdida, u jekk setgħux jiżguraw il-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* għall-kalkolu tar-riżorsa proprja ġdida.

**III** Dan l-awditu kellu l-għan li jidentifika, fi stadju bikri, l-oqsma fejn il-proċess tal-kalkolu jista' jittejjeb. Il-konklużjonijiet ta' dan l-awditu mistennija wkoll jipprovdu lill-Kummissjoni b'tagħlimiet meħuda li huma rilevanti għall-ġestjoni tar-riżorsi proprji ġodda li se jiġu introdotti fis-snin li ġejjin.

**IV** Nikkonkludu li l-Istati Membri ma kinux suffiċjentement imħejjija għall-implimentazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik u li, minkejja li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ u għall-appoġġ tal-implimentazzjoni kienu utli biex itejbu l-kwalità tad-*data*, ma kinux f'waqthom. Nikkonkludu wkoll li d-*data* użata għal skopijiet ta' riżorsi proprji, ma ntużatx suffiċjentement b'mod kumparabbli u affidabbli. Dan jaffettwa wkoll id-*data* li tintuża għar-rappurtar dwar l-ilħuq tal-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

**V** Sibna li l-Istati Membri ttrasponew l-aspetti legali ewlenin tard. Osservajna wkoll li d-definizzjoni ta' *plastik* f'dokumenti legali differenti tal-UE kienet tvarja. Flimkien mal-adozzjoni tardiva tar-rekwiżiti legali ewlenin, dan ippreviena l-introduzzjoni armonizzata tar-riżorsa proprja.

**VI** Barra minn hekk, l-Istati Membri ma applikawx proċeduri ewlenin ta' kumpilazzjoni tad-*data*, bħall-użu taż-żewġ metodi ta' kumpilazzjoni għall-iskart iġġenerat u l-ibbilanċjar tar-riżultati. Huma ma użawx il-punt ta' kejl speċifikat mil-leġiżlazzjoni biex jikkalkulaw l-ammonti riċiklati, u lanqas ma għamlu użu mir-rati medji ta' telf abbażi ta' regoli armonizzati.

**VII** Barra minn hekk, għalkemm l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni segwew proċessi stabbiliti sew, dawn ma kinux suffiċjenti biex jindirizzaw l-ogħla riskji għall-kumpilazzjoni tad-*data*. Identifikajna riskju li, minħabba n-nuqqas ta' verifiki fuq il-proċessi ta' riċiklaġġ, jista' jkun li l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iddikjarat bħala riċiklat ma jkunx fil-fatt ġie riċiklat fil-każijiet kollha. L-Istati Membri ma kinux f'pożizzjoni li jiżguraw li l-kundizzjonijiet għar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik esportat barra mill-UE kienu ġeneralment ekwivalenti għall-proċessi ta' riċiklaġġ tal-UE.

**VIII** Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tapplika t-tagħlimiet meħuda mill-introduzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik;
- ittejjeb il-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data*;
- ittaffi r-riskju li l-iskart li jintbagħat lir-riċiklaturi sussegwentement ma jiġix riċiklat.

# Introduzzjoni

## Ir-riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik

**01** Ir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea huma s-sorsi prinċipali ta' dħul għall-baġit tal-UE. Sal-2021, kien hemm tliet riżorsi proprji: ir-riżorsi proprji tradizzjonali (prinċipalment minn dazji doganali imposti fuq importazzjonijiet lejn l-UE), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING).

**02** F'Jannar 2021, l-UE introduċiet riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat mill-Istati Membri (ir-"riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik")[1]. Din kienet l-ewwel bidla ewlenija fis-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE mill-1988 'l hawn, meta ġiet introdotta r-riżorsa proprja bbażata fuq il-prodott nazzjonali gross (PNG) (li aktar tard inbidlet għal ING). Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik hija wkoll l-ewwel pass fil-pjan direzzjonali biex jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda għall-iżgurar tal-ħlas lura tal-istrument tal-UE għall-irkupru. Il-pjan direzzjonali huwa anness mal-ftehim interistituzzjonali bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027[2].

**03** Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji ssemmi li l-introduzzjoni ta' din ir-riżorsa proprja ġdida tipprovdi inċentiv biex jitnaqqas il-konsum ta' plastik li jintuża darba biss, jitrawwem ir-riċiklaġġ u tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari. Tindika wkoll li jenħtieġ li r-riżorsi proprji ġodda jappoġġaw aħjar l-objettivi tal-politiki tal-Unjoni u jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING tal-Istati Membri[3].

**04** Fl-2023, id-dħul mir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik ammonta għal EUR 7.2 biljun, jiġifieri 4.0 % tad-dħul totali tal-UE (ara l-***Figura 1***). Id-diżaggregazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għal kull Stat Membru hija ppreżentata fl-***Anness I***.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2053 ("Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji").

[2] Il-Ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

[3] Il-Premessi 6 u 7 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

## Figura 1 – Sorsi ta' dħul tal-UE fl-2023




*Nota:* din iċ-ċifra ma tinkludix id-dħul tal-baġit assoċjat mal-istrument għall-irkupru NextGenerationEU, minħabba n-natura eċċezzjonali u temporanja tiegħu.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati tal-UE.

**05** Il-*Figura 2* tagħti ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali, li huwa magħmul minn leġiżlazzjoni ambjentali u leġiżlazzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik.

## Figura 2 – Qafas legali




*Sors:* il-QEA.

**06** Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[4] tiddefinixxi l-kunċetti u d-definizzjonijiet bażiċi relatati mal-ġestjoni tal-iskart, inklużi l-iskart, ir-riċiklaġġ u l-irkupru. Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ[5] tistabbilixxi definizzjonijiet, miri tar-riċiklaġġ, u dispożizzjonijiet oħra speċifikament applikabbli għall-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ. Id-Direttiva tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jikkumpilaw u jirrappurtaw *data* dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik. Mill-1997 'l hawn, din id-*data* qed tintuża biex jiġi vverifikat jekk il-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fid-direttiva ntlaħqux. Ir-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart[6] jiddetermina r-regoli dwar it-trasport tal-iskart fi ħdan l-UE u l-esportazzjoni tiegħu lejn pajjiżi mhux tal-UE.

**07** Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tistabbilixxi l-metodu għall-kalkolu għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik. Leġiżlazzjoni oħra[7] tistipula dettalji importanti ulterjuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' din ir-riżorsa proprja. Fl-Opinjoni 3/2022 tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-proċeduri għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tliet riżorsi proprji ġodda, aħna ssuġġerejna l-konsolidazzjoni u l-allinjament tar-regoli fir-rigward tar-riżorsi proprji kollha[8].

## Kalkolu u ġbir tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik

**08** Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik tikkonsisti minn kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata f'ammont ta' EUR 0.8 għal kull kilogramma ta' skart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik. Is-17-il Stat Membru li l-ING *per capita* tal-2017 tagħhom kien taħt il-medja tal-UE bbenefikaw minn tnaqqis tas-somma f'daqqa fissa biex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali[9]. It-tnaqqis ġie kkalkulat bil-multiplikazzjoni tal-popolazzjoni tal-2017 tal-Istat Membru bi 3.8 kilogrammi u b'EUR 0.8. Il-***Figura 3*** turi l-metodu tal-kalkolu.

4 Id-Direttiva 2008/98/KE.

5 Id-Direttiva 94/62/KE dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

6 Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

7 Ir-Regolament tal-Kunsill 2021/768 (miżuri ta' kontroll u ta' superviżjoni), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/595 (rekwiżiti ta' rappurtar) u r-Regolament tal-Kunsill 2021/770 (proċedura biex titqiegħed għad-dispożizzjoni dik ir-riżorsa proprja).

8 Il-paragrafi 42 sa 44.

9 Il-Premessa 7 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

## Figura 3 – Kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri




*Sors:* il-QEA, abbażi tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

**09** Dawn il-kalkoli huma bbażati fuq *data* statistika dwar l-iskart totali mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u li jiġi riċiklat kull sena, kif irrappurtat mill-Istati Membri. Peress li d-*data* rilevanti tkun disponibbli sentejn wara s-sena kkonċernata, il-Kummissjoni l-ewwel tikkalkula l-kontribuzzjonijiet abbażi ta' tbassir maqbul mal-Istati Membri. Din hija prattika standard li tiġi applikata wkoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING.

**10** Il-Kummissjoni taġġusta l-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri ladarba tkun disponibbli d-*data* statistika. Kull sena, il-Kummissjoni tiġbor l-ammonti dovuti mill-Istati Membri li jkunu ħallsu inqas approporzjon tas-sehem tagħhom tal-ING tal-UE, biex dawn jitqassmu ma' dawk li jkunu ħallsu aktar. Il-***Figura 4*** turi l-istadji importanti prinċipali għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik.

### Figura 4 – Stadji importanti għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal sena N partikolari




*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament tal-Kunsill 2021/770.

## Kalkolu tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u riċiklat

**11** F'konformità mar-regolament ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-għamla ta' dikjarazzjoni annwali[10], l-Istati Membri huma meħtieġa jużaw żewġ metodi biex jistmaw l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat. L-ewwel wieħed huwa l-approċċ tal-"introduzzjoni fis-suq", li fil-biċċa l-kbira huwa bbażat fuq *data* minn produtturi tal-imballaġġ tal-plastik. It-tieni wieħed huwa l-approċċ tal-analiżi tal-iskart, li huwa bbażat fuq informazzjoni dwar l-ammonti u t-tipi ta' materjali fi fluss partikolari ta' skart. Abbażi tar-riżultati taż-żewġ metodi, l-Istati Membri jeħtiġilhom jipprovdu stima unika tal-iskart iġġenerat. Dan jissejjaħ "ibbilanċjar" taż-żewġ metodi.

[10] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/595.

**12** Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ[11] tinkludi r-rekwiżit li l-piż tal-iskart mill-imballaġġ riċiklat irid jitkejjel hekk kif l-iskart jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ ("punt tal-kalkolu"). Bħala deroga minn dan ir-rekwiżit, il-leġiżlazzjoni tippermetti li l-kejl isir fil-punt tal-ħruġ tal-operazzjoni ta' separazzjoni, dment li l-iskart jiġi sussegwentement riċiklat u li jitnaqqas il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi mneħħija mill-operazzjonijiet ta' qabel ir-riċiklaġġ. Ara l-*Figura 5* għad-dettalji.

## Figura 5 – Kalkolu tal-iskart tal-plastik mill-imballaġġ riċiklat




*Sors:* il-QEA, abbażi tal-Figura A 1: il-punt tal-kalkolu tal-plastik, p. 67 tal-Commission guidance for the compilation and reporting of data on packaging and packaging waste according to Decision 2005/270/EC, verżjoni ta' Marzu 2023.

**13** Jekk l-Istati Membri jużaw id-deroga fir-rigward tal-kejl fil-punt tal-kalkolu, huma jistgħu jużaw rati medji ta' telf biex jistmaw il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi mneħħija qabel ir-riċiklaġġ. Ir-rati medji ta' telf jistgħu jintużaw biss meta ma tkunx tista' tinkiseb *data* affidabbli b'mod ieħor, u jridu jiġu kkalkulati abbażi tar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'att delegat. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta att delegat dwar ir-rati medji ta' telf sal-31 ta' Marzu 2019[12].

[11] L-Artikolu 6a(2) tad-Direttiva (UE) 2018/852 li temenda d-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

[12] L-Artikolu 11a(10) tad-Direttiva (UE) 2018/851 li temenda d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

**14** L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-iskart li jiġi esportat mill-UE biex jiġi riċiklaġġ jgħodd għall-miri tar-riċiklaġġ biss jekk l-esportatur jagħti prova li t-trattament tal-iskart barra mill-UE jkun seħħ f'kundizzjonijiet li jkunu ġeneralment ekwivalenti għal dawk meħtieġa skont il-liġi ambjentali tal-UE[13]. Jenħtieġ li l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, importat lejn Stat Membru biex jiġi riċiklat, jitnaqqas mill-ammont kumplessiv riċiklat ta' dak l-Istat Membru. Il-***Figura 6*** turi r-rati ta' riċiklaġġ ibbażati fuq id-*data* rrappurtata mill-Istati Membri fl-2023 għar-riżorsa proprja għas-sena 2021.

[13] L-Artikolu 11a(8) tad-Direttiva (UE) 2018/851 li temenda d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, u l-Artikolu 6a(8) tad-Direttiva (UE) 2018/852 li temenda d-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

## Figura 6 – Rati ta’ riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik li ġew irrappurtati għall-2021




*Sors:* il-QEA, skont id-dikjarazzjonijiet annwali tal-Istati Membri għall-2021.

**15** Il-*Figura 7* turi li r-rata medja ta' riċiklaġġ baqgħet relattivament stabbli matul l-aħħar deċennju. Madankollu, fir-rapport analitiku tal-QEA dwar l-azzjoni tal-UE biex tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik, aħna osservajna li diversi aspetti jistgħu jaffettwaw il-kumparabbiltà tad-*data* matul iż-żmien[14].

### Figura 7 – Rata medja ta' riċiklaġġ fl-UE fl-aħħar deċennju




*Sors:* il-QEA, abbażi tad-*data* ppubblikata mill-Eurostat għall-perjodu 2011-2020 u tad-dikjarazzjonijiet annwali tal-Istati Membri għall-2021 ipprovduti fl-2023.

## Rwoli u responsabbiltajiet

**16** L-Istati Membri huma responsabbli mill-kumpilazzjoni u mir-rappurtar tad-*data* statistika rilevanti użata biex tiġi kkalkulata r-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik[15]. L-Istati Membri jeħtiġilhom jaħtru wkoll rappreżentanti biex jassistu u jagħtu pariri lill-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati ma' dan il-qasam tal-istatistika, bħala parti mill-grupp ta' esperti dwar l-"istatistika dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik" (SSIP). Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni ambjentali, l-Istati Membri jeħtiġilhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom fl-ambitu tad-dritt tal-UE, li jinkludu l-inkorporazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE fid-dritt nazzjonali (traspożizzjoni) u l-applikazzjoni tagħha[16].

---

[14] Il-paragrafi 44 u 45 tar-Rapport Analitiku 04/2020: Azzjoni tal-UE biex tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik.

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/770.

[16] L-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għal aktar dettalji ara wkoll ir-Rapport Analitiku 07/2018 tal-QEA "L-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fil-prattika: ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea".

**17** Fil-Kummissjoni, l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-UE (Eurostat), id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) u d-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV) huma d-direttorati ġenerali responsabbli minn din ir-riżorsa proprja. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom huma stabbiliti f'memorandum ta' qbil, li jinkludi l-arranġamenti ewlenin inklużi fil-***Figura 8***.

## Figura 8 – Rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni



**Eurostat**
- jivverifika d-*data* tal-Istati Membri dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik;
- iwettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri;
- jinforma lid-DĠ BUDG dwar riżervi;
- imexxi x-xogħol tal-grupp ta' esperti SSIP;
- jipproponi miżuri biex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data*.



**DĠ ENV**
- jipproponi leġiżlazzjoni dwar l-iskart;
- jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart;
- jinforma lill-Eurostat u lid-DĠ BUDG dwar kwistjonijiet leġiżlattivi, inkluż ksur potenzjali.



**DĠ BUDG**
- jikkalkula u jiġbor kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri;
- jikkalkula u jiġbor aġġustamenti għall-kontribuzzjonijiet;
- jistabbilixxi u jneħħi riżervi dwar il-kwalità tad-*data*.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-memorandum ta' qbil bejn l-Eurostat, id-DĠ BUDG u d-DĠ ENV.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

**18** L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li jiġi eżaminat il-qafas li l-Kummissjoni stabbiliet, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għall-ġestjoni ta' din ir-riżorsa proprja. B'mod partikolari, aħna vvalutajna jekk:

- il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux suffiċjentement imħejjija għall-introduzzjoni tar-riżorsa proprja ġdida;
- il-Kummissjoni u l-Istati Membri setgħux jiżguraw il-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* għall-kalkolu tar-riżorsa proprja ġdida.

**19** Permezz ta' dan l-awditu (imwettaq minn Ġunju 2023 sa Frar 2024), kellna wkoll l-għan li nidentifikaw fi stadju bikri l-oqsma fejn il-proċess tal-kalkolu jista' jittejjeb. Il-konklużjonijiet ta' dan l-awditu mistennija wkoll jipprovdu lill-Kummissjoni b'tagħlimiet meħuda li jistgħu jkunu rilevanti għall-ġestjoni ta' kwalunkwe riżorsa proprja oħra li tista' tiġi introdotta fis-snin li ġejjin.

**20** Aħna ħadna l-kriterji tal-awditjar tagħna mil-leġiżlazzjoni rilevanti, mil-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar u mill-prattiki eżistenti tal-Kummissjoni għar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u fuq il-VAT, li huma bbażati wkoll fuq *data* statistika.

**21** L-aspetti prinċipali tal-approċċ tagħna kienu jinkludu:

- analiżi mhux fuq il-post ta' leġiżlazzjoni rilevanti u dokumenti ewlenin mill-Kummissjoni u mill-grupp ta' esperti dwar l-"istatistika dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik" (SSIP) (proċeduri, dokumenti ta' gwida, mudelli, dokumenti ta' ħidma, minuti ta' laqgħat mal-Istati Membri);
- intervisti mal-Eurostat, mad-DĠ BUDĠ, u mad-DĠ ENV;
- analiżi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri għat-tbassir użat biex jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet tal-2021, ir-rapporti dwar il-kwalità pprovduti fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ u d-dikjarazzjonijiet annwali li ntbagħtu mill-Istati Membri fl-2023.

**22** Aħna stħarriġna lis-27 awtorità nazzjonali responsabbli mill-kumpilazzjoni tad-*data* biex niksbu l-fehmiet tagħhom dwar il-ġestjoni tar-riżorsa proprja min-naħa tal-Kummissjoni. Irċevejna 26 risposta, li użajna bħala sors addizzjonali ta' informazzjoni. Tajna segwitu għall-informazzjoni miġbura permezz tal-istħarriġ billi organizzajna intervisti mill-bogħod mal-awtoritajiet ikkonċernati f'sitt Stati Membri.

**23** Żorna tliet Stati Membri: ir-Rumanija, l-Italja u n-Netherlands. Dawn intgħażlu abbażi tal-informazzjoni disponibbli fl-Eurostat u bil-ħsieb li tinġabar informazzjoni fl-Istati Membri li għandhom livelli differenti ta' plastik iġġenerat *per capita*, rati ta' riċiklaġġ u ammonti esportati li għandhom jiġu riċiklati lkoll differenti. Barra minn hekk, konna preżenti bħala osservaturi matul iż-żjara ta' verifika tal-Eurostat fil-Polonja, biex niġbru informazzjoni dwar kif l-Eurostat jimplimenta l-qafas ta' verifika tiegħu matul l-ispezzjonijiet.

**24** Dan l-awditu ma kopriex jekk l-introduzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik wasslitx għal tnaqqis fl-iskart tal-plastik iġġenerat jew għal żieda fl-ammont riċiklat. Lanqas ma wettaqna analiżi legali ta' jekk il-kwistjonijiet relatati mat-traspożizzjoni tad-dritt tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhomx jiskattaw proċeduri ta' ksur.

# Osservazzjonijiet

## L-introduzzjoni tar-riżorsa proprja ġdida ma kinitx bla xkiel, u rriżultat fi stimi mhux preċiżi

### L-Istati Membri ma kinux suffiċjentement imħejjija, u l-appoġġ tal-Kummissjoni kien rilevanti iżda mhux f'waqtu

**25** Biex jiġi żgurat li l-introduzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik tkun bla xkiel u li l-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* tal-kalkolu jkunu suffiċjenti, id-definizzjonijiet u l-metodoloġiji tal-kalkolu introdotti mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ kellhom jiġu trasposti b'mod f'waqtu mill-Istati Membri. Il-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar jirrakkomandaw li l-Kummissjoni teżamina b'attenzjoni l-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali biex tiżgura konformità sħiħa u tibda azzjoni ta' rimedju meta jkun xieraq.

**26** Billi nuqqas ta' konformità jista' jkollu impatt fuq il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, huwa importanti li l-Kummissjoni tanalizza kwalunkwe problema li tidentifika rigward it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod f'waqtu. Imbagħad jenħtieġ li tuża l-analiżi li twettaq biex tidentifika l-Istati Membri b'riskju kbir u l-oqsma ta' kumpilazzjoni tad-*data* li għandhom jiġu vverifikati.

**Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri damu ma ttrasponew id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, u s-segwitu tal-Kummissjoni tal-problemi relatati mat-traspożizzjoni se jdum is-snin**

**27** L-emenda tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ tindika li l-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* jeħtieġu titjib[17]. L-emenda introduċiet sett ta' definizzjonijiet u regoli ġodda dwar il-kalkolu li kellhom jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri sal-5 ta' Lulju 2020. Għalhekk, meta l-Kummissjoni pproponiet ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik f'Mejju 2018[18], kien hemm ħtieġa rikonoxxuta biex tittejjeb il-kwalità tad-*data*. L-Opinjoni tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji enfasizzat wkoll din il-ħtieġa[19].

---

[17] Il-Premessa 22 tad-Direttiva (UE) 2018/852 li temenda d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

[18] Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea COM(2018) 325 final.

[19] Il-paragrafu 40 u l-Kaxxa 2 tal-Opinjoni 5/2018 tagħna.

**28** Aħna identifikajna d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ li huma rilevanti għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik[20], u analizzajna jekk il-Kummissjoni kinitx ivverifikat li l-Istati Membri kienu ttrasponew dawn id-dispożizzjonijiet b'mod korrett fil-leġiżlazzjoni tagħhom stess.

**29** Osservajna li ħames Stati Membri kienu infurmaw lill-Kummissjoni li kienu ttrasponew id-direttiva sad-data ta' skadenza. Kien hemm 22 Stat Membru li jew ma kinux infurmaw lill-Kummissjoni li kienu ttrasponew id-direttiva jew li inkella kienu infurmawha li ma kinux ittrasponew id-direttiva. Il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur għal dawn it-22 Stat Membru. Wara n-notifika tat-traspożizzjoni mill-Istati Membri, 12 minn dawn il-proċeduri ngħalqu fl-2021, 7 oħra fl-2022 u 2 fl-2023. Il-proċedura li kien jifdal kienet għadha miftuħa fiż-żmien meta sar l-awditu, peress li l-Istat Membru kkonċernat (il-Kroazja) ma kienx informa lill-Kummissjoni li kien ittraspona d-direttiva.

**30** Wara li kull Stat Membru nnotifika lill-Kummissjoni li t-traspożizzjoni kienet tlestiet, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lil kuntrattur estern biex iwettaq verifiki tal-konformità. F'Settembru 2022, il-kuntrattur estern ipprovda lill-Kummissjoni bi studji tal-konformità li juru r-riżultati tal-verifiki għal 23 Stat Membru. Fi Frar u Marzu 2023, il-kuntrattur ipprovda lill-Kummissjoni żewġ studji oħra tal-konformità. Kien biss fl-2013 li Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li t-traspożizzjoni kienet tlestiet, u għaldaqstant l-istudju tal-konformità korrispondenti kellu jiġi ffinalizzat fl-2024.

**31** Aħna analizzajna r-riżultati tal-25 studju tal-konformità mwettqa mill-kuntrattur estern. Ivverifikajna jekk id-dispożizzjonijiet ewlenin u d-definizzjonijiet rilevanti kollha għall-kumpilazzjoni tad-*data* għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik kinux ġew trasposti b'mod korrett. Sibna li fil-każ ta' 17 minn dawn l-Istati Membri, mill-inqas dispożizzjoni ewlenija waħda li hija rilevanti għall-kalkolu tar-riżorsa proprja ma kinitx ġiet trasposta b'mod xieraq (ara l-***Figura 9***).

[20] L-Artikolu 3(1)(a) u 2, u l-Artikolu 6(a)(1-5), (7) u (8) tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

## Figura 9 – Riżultati tal-verifiki tal-konformità esternalizzati dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik, skont l-għadd ta' Stati Membri




*Nota:* Fiż-żmien meta sar l-awditu, il-Kummissjoni ma kinitx irċeviet ir-riżultati tal-istudju tal-konformità għal żewġ Stati Membri.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-rapporti dwar il-verifiki tal-konformità mwettqa mill-kuntrattur estern.

**32** Il-Kummissjoni aġixxiet b'mod xieraq meta l-Istati Membri ma nnotifikawhiex li t-traspożizzjoni kienet tlestiet. Madankollu, hija ma analizzatx minnufih l-impatt tal-problemi relatati mat-traspożizzjoni identifikati mill-kuntrattur estern fuq il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik. Għalhekk, ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni rigward il-verifiki tal-kumpilazzjoni tad-*data* mill-Istati Membri.

**33** Il-Kummissjoni tuża r-riżultati tal-verifiki tal-konformità matul l-ispezzjonijiet tagħha fl-Istati Membri. Madankollu, billi dawn l-ispezzjonijiet mistennija jdumu mill-2023 sal-2026, is-segwitu ta' problemi serji potenzjali identifikati fil-verifiki tal-konformità ma jitwettaqx b'mod f'waqtu. Il-problemi li jaffettwaw il-kalkolu tar-riżorsa proprja,li ġew identifikati matul l-ispezzjonijiet, jirriżultaw f'riżerva li l-Kummissjoni tneħħi ladarba jiġu solvuti l-problemi identifikati. L-esperjenza minn riżorsi proprji oħra turi li r-riżervi jistgħu jdumu diversi snin biex jitneħħew. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw definizzjonijiet differenti u metodoloġiji ta' kumpilazzjoni mhux xierqa għal żmien twil. Dawn id-differenzi jistgħu jaffettwaw il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

**Il-Kummissjoni ħadet diversi passi biex tappoġġa lill-Istati Membri, iżda fil-biċċa l-kbira wara l-introduzzjoni tar-riżorsi proprji ġodda**

**34** Biex tindirizza l-problemi potenzjali relatati mal-implimentazzjoni tar-riżorsa proprja ġdida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi strateġija ta' implimentazzjoni[21]. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni mal-Istati Membri biex jiġi implimentat id-dritt tal-UE tkun element ewlieni tal-istrateġija ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll l-għan li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri. Biex dan jirnexxi, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni f'waqtha u rilevanti dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri u tkun lesta li tieħu azzjoni korrettiva jekk ikun meħtieġ.

**35** Il-Kummissjoni tuża diversi metodi biex tivvaluta l-kapaċità tal-Istati Membri li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni relatata mar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik. Kif semmejna fil-paragrafu ***30***, il-Kummissjoni mmonitorjat it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti fis-sistemi legali proprji tal-Istati Membri. Hija wettqet ukoll żjarat informali fi 17-il Stat Membru biex tippreżenta fil-qosor l-implimentazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik, u biex tiskambja informazzjoni dwar il-mod li bih l-Istati Membri jikkumpilaw l-ammont. Madankollu, dawn l-azzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom seħħew wara l-introduzzjoni tar-riżorsa proprja f'Jannar 2021, u sa dak iż-żmien l-Istati Membri suppost diġà kienu implimentaw il-miżuri u s-sistemi għall-ġestjoni tar-riżorsa proprja ġdida. Il-Kummissjoni indikatilna li r-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19 illimitaw l-azzjonijiet li ħadet biex tappoġġa u timmonitorja t-tħejjija tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' din ir-riżorsa proprja ġdida.

---

[21] Better regulation guidelines, il-Kapitolu V, Nru 2.

**36** Metodu ieħor importanti biex jinkiseb feedback mill-Istati Membri huwa permezz tal-grupp ta' esperti SSIP (ara l-paragrafu *16*). Fil-laqgħat tal-gruppi ta' esperti, l-Istati Membri għandhom l-opportunità li jqajmu kwalunkwe kwistjoni li jkunu qed jiffaċċaw jew kwalunkwe qasam li jirrikjedi kjarifika ulterjuri.

**37** Il-grupp ta' esperti SSIP inħoloq formalment b'segwitu għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 2021/770. Il-laqgħat tiegħu bdew f'Novembru 2021. It-tliet Stati Membri li żorna infurmawna li l-laqgħat tal-grupp ta' esperti kienu utli biex jittejbu l-kwalità u l-armonizzazzjoni tal-kumpilazzjoni tad-*data*. Madankollu, ftit li xejn kien hemm żmien biex wieħed iħejji b'mod adegwat għall-introduzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik f'Jannar 2021.

**38** Id-dikjarazzjonijiet annwali jintużaw biex jiġu aġġustati l-ammonti li l-Istati Membri jkunu ħallsu qabel abbażi tat-tbassir (ara l-paragrafu *10*). Iċ-ċifri jiffurmaw il-bażi ta' opinjoni tal-grupp ta' esperti SSIP li tikkonferma x-xerqien tad-*data* li għandha tintuża għal skopijiet ta' riżorsi proprji. Id-*data* statistika inkluża f'dawn id-dikjarazzjonijiet annwali hija wkoll parti mill-verifiki tal-Kummissjoni tal-proċessi ta' kumpilazzjoni tal-Istati Membri.

**39** Aħna sibna li l-Ġreċja ma ppreżentatx fil-ħin id-dikjarazzjoni annwali tagħha għall-2021. Id-dikjarazzjoni, li tinkludi d-*data* statistika dwar il-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u l-ammont riċiklat, kienet mistennija sal-31 ta' Lulju 2023[22] (ara l-*Figura 4*). Il-Greċja ma bagħtitx verżjoni inizjali tad-dikjarazzjoni annwali lill-Kummissjoni qabel l-24 ta' Novembru 2023.

**40** Il-Kummissjoni kienet konxja mid-diffikultajiet tal-awtoritajiet Griegi biex jikkumpilaw id-*data* dwar l-iskart tal-plastik, billi f'Ġunju 2022 il-Greċja kienet diġà naqset milli tipprovdi d-*data* meħtieġa mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ għas-sena 2020. Għalkemm il-Kummissjoni bagħtet diversi twissijiet lill-awtoritajiet Griegi (inkluż lir-rappreżentanza permanenti) dwar l-importanza tad-*data* dwar ir-riżorsi proprji, il-Greċja ma żammitx mad-data ta' skadenza biex tibgħat id-dikjarazzjoni annwali tagħha. Dan juri li l-Istat Membru ma kienx imħejji għall-kumpilazzjoni tad-*data* dwar l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik.

[22] L-Artikolu 5(5) tar-Regolament 2021/770.

**41** Minħabba dan id-dewmien, id-*data* mill-Greċja ma ġietx inkluża fl-opinjoni maħruġa f'Ottubru 2023 mill-grupp ta' esperti SSIP rigward il-kwalità tad-*data* dwar l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik li għandu jintuża għal skopijiet ta' riżorsi proprji. Għalhekk, id-*data* ma ntużatx għall-eżerċizzju ta' aġġustament u l-impatt li jirrizulta se jiġi rifless biss fi snin sussegwenti (ara l-paragrafu ***10***).

## Definizzjoni inkonsistenti ta' *plastik* u inċertezza legali xekklu l-introduzzjoni armonizzata tar-riżorsa proprja

**42** Biex tinkiseb applikazzjoni armonizzata tal-leġiżlazzjoni tal-UE, huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet tal-UE jkunu ċari, konsistenti[23] u mhux ambigwi. Huwa essenzjali wkoll li l-leġiżlazzjoni ewlenija tiġi approvata b'mod f'waqtu, biex b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw il-leġiżlazzjoni u s-sistemi tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti.

### Id-definizzjoni ta' *plastik* tvarja bejn id-diversi atti legali

**43** Aħna vverifikajna d-definizzjonijiet ewlenin użati għall-kumpilazzjoni tad-*data* għal skopijiet ta' riżorsi proprji, bħall-iskart mill-imballaġġ u r-riċiklaġġ, u sibna li dawn ġeneralment kienu ċari u konsistenti f'partijiet differenti tal-leġiżlazzjoni settorjali. Madankollu, osservajna li d-definizzjoni ta' *plastik* kienet tvarja (ara l-***Figura 10***).

[23] Għodda #28, it-Taqsima 3.2 tal-Better Regulation toolbox - edizzjoni ta' Lulju 2023.

## Figura 10 – Id-definizzjoni ta' *plastik* tvarja bejn id-diversi atti legali

**Definizzjoni ta' plastik**

***Id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss***

Materjal magħmul minn polimeru kif iddefinit fil-punt 5 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jistgħu jkunu żdidulu addittivi jew sustanzi oħra, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati b'mod kimiku;

***Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ***

Polimeru fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistgħu jkunu żdidulu addittivi jew sustanzi oħra, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-basktijiet

**Leġiżlazzjoni ambjentali**

***Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji***

Polimeru skont it-tifsira tal-punt (5) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistgħu jkunu żdidulu addittivi jew sustanzi oħra

***Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-forma għad-dikjarazzjoni annwali***

Plastik kif iddefinit fl-Artikolu 3(1a) tad-Direttiva 94/62/KE (id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ)

**Leġiżlazzjoni dwar ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik**

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-leġiżlazzjoni msemmija.

**44** Id-definizzjonijiet kollha ta' *plastik* kienu bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi, iżda ċerti dettalji ġew miżjuda f'leġiżlazzjoni oħra. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tirrikjedi l-użu tad-definizzjoni mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, li ma ssirx referenza għaliha fid-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji. Id-definizzjoni mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ tistabbilixxi li jenħtieġ li l-polimeri jkunu jistgħu jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali tal-basktijiet, u b'hekk dan inaqqas l-ambitu tad-definizzjoni. Id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss[24] għandha ambitu saħansitra aktar ristrett, billi teskludi l-polimeri naturali li ma ġewx modifikati b'mod kimiku.

---

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/904 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss).

**45** L-ambitu differenti tad-definizzjonijiet wassal għal konfużjoni fl-Istati Membri. Il-verifiki tal-konformità dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi juru li tliet Stati Membri ttrasponew id-definizzjoni mid-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss minflok id-definizzjoni meħtieġa mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

**Il-karatteristiċi legali ewlenin tal-ġestjoni tal-iskart tal-plastik ġew aġġornati tard wisq jew kienu ma ġewx adottati**

**46** Aħna vverifikajna jekk il-leġiżlazzjoni ewlenija ġietx introdotta b'mod f'waqtu biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu l-proċeduri ta' kumpilazzjoni tagħhom b'mod xieraq. Sibna li r-rekwiżiti legali rigward il-punt tal-kalkolu u l-ibbilanċjar ġew adottati tard wisq biex l-Istati Membru jieħduhom inkunsiderazzjoni meta fasslu t-tbassir tagħhom tal-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik għall-2021, u meta kkumpilaw id-*data* għad-dikjarazzjonijiet annwali ppreżentati fl-2023. Barra minn hekk, aħna osservajna li, fiż-żmien meta sar l-awditu, il-leġiżlazzjoni meħtieġa dwar ir-rati medji ta' telf ma kinitx għadha ġiet adottata.

**47** Il-**punt tal-kalkolu** għall-iskart riċiklat huwa fattur ewlieni biex jiġi żgurat li d-*data* kkumpilata mill-Istati Membri tkun kumparabbli (ara l-paragrafu ***12***). Ir-rekwiżit biex jintuża punt tal-kalkolu ġdid ġie introdott għall-ewwel darba mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, li ġiet ippubblikata f'Mejju 2018, iżda d-dettalji dwar l-applikazzjoni tagħha mill-Istati Membri ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/665[25] (ara l-***Figura 5***). Dan il-punt tal-kalkolu ġie stabbilit biex jiġi żgurat li jittieħed inkunsiderazzjoni biss l-iskart li jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ[26]. Qabel l-adozzjoni ta' dan ir-rekwiżit il-ġdid, il-piż tal-iskart kellu jitkejjel fil-punt tal-ħruġ mill-faċilità ta' separazzjoni.

---

[25] L-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tal-bażi tad-dejta għad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

[26] Il-Premessa Nru 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/665.

**48** Madankollu, din id-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni ġiet ippubblikata f’April 2019, u b’hekk l-Istati Membri ftit li xejn kellhom żmien biex jintroduċu din il-bidla qabel ma jħejju t-tbassir tal-2021. Billi tippermetti l-għażla li tintuża l-metodoloġija preċedenti biex jiġu kkalkulati l-ammonti riċiklati meta jiġu pprovduti t-tbassir tal-2021 u dak tal-2022, il-leġiżlazzjoni tal-UE[27] tirrikonoxxi li jkun diffiċli għall-Istati Membri li jintroduċu l-bidliet meħtieġa b’mod f’waqtu. Din id-diffikultà ġiet ikkonfermata mill-Istati Membri li żorna u minn dawk li kkuntattjajna mill-bogħod. Dawn spjegawlna li n-nuqqas ta’ aġġustament tal-punt tal-kalkolu għall-ammonti riċiklati kien waħda mir-raġunijiet għad-differenzi sinifikanti bejn it-tbassir u l-ammonti finali stmati.

**49** Karatteristika importanti oħra biex jiġi żgurat li d-*data* prodotta mill-Istati Membri tkun kumparabbli u affidabbli hija l-**ibbilanċjar** taż-żewġ metodi użati biex jiġi stmat l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat (ara l-paragrafu ***11***).

**50** Din il-kwistjoni saret referenza għaliha fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/665 li ġiet ippubblikata f’April 2019 (l-Artikolu 6(f) ġdid). Madankollu, ir-rekwiżit legali biex jiġu bbilanċjati r-riżultati ta’ żewġ metodi għall-istima tal-iskart iġġenerat ma ġiex introdott qabel Marzu 2023. Għalhekk, kien tard wisq biex dan jittieħed inkunsiderazzjoni meta f’Lulju 2023 ġiet ippreżentata d-*data* tal-2021.

**51** L-emenda għad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ ippubblikata f’Mejju 2018 kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta l-atti delegati meħtieġa biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-kalkoli tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, b’data ta’ skadenza għall-adozzjoni stabbilita fil-31 ta’ Marzu 2019. Att bħal dan kien l-att delegat meħtieġ mid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li tistabbilixxi r-**rati medji ta’ telf**. Dawn huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri li jużaw id-deroga dwar il-punt tal-kalkolu (ara l-paragrafi ***12*** u ***13***) jikkumpilaw id-*data* statistika tagħhom b’mod konsistenti.

[27] L-Artikolu 15 tar-Regolament 2021/770.

**52** Aħna osservajna li f'Awwissu 2021 il-Kummissjoni kienet ippreżentat proposta għal att delegat li jikkonċerna r-rati medji ta' telf. Madankollu, din ma ġietx adottata billi f'Diċembru 2021 il-Kunsill ippreżenta oġġezzjoni (f'konformità mal-Artikolu 38(a)(6) tad-Direttiva 2008/98/KE). L-oġġezzjoni involuta tikkonċerna l-fatt li l-ambitu tal-att delegat kien imur lil hinn mill-mandat tal-Kummissjoni, b'mod partikolari rigward il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-rati medji ta' telf għal kull faċilità ta' trattament tal-iskart. Il-Kummissjoni ma ppreżentatx proposta oħra li tindirizza r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tal-Kunsill. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri li japplikaw id-deroga dwar il-punt tal-kalkolu qed jużaw rati ta' telf ibbażati fuq metodoloġiji li mhumiex armonizzati.

**53** L-adozzjoni tardiva tar-rekwiżit biex jiġu bbilanċjati ż-żewġ metodi ta' kumpilazzjoni u tad-definizzjoni tal-punt tal-kalkolu, flimkien man-nuqqas ta' regoli armonizzati dwar ir-rati medji ta' telf, affettwaw b'mod avvers il-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* tal-Istati Membri. Dan ifisser li l-kontribuzzjonijiet nazzjonali li jirriżultaw għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik jistgħu ma jiġux ikkalkulati fuq l-istess bażi.

## Fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik prevista kienet stmata b'mod insuffiċjenti b'EUR 1.1 biljun u l-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING kellhom jikkumpensaw sabiex jibbilanċjaw il-baġit tal-UE

**54** Tbassir ta' kwalità tajba huwa fundamentali biex jinġabar l-ammont it-tajjeb ta' kull riżorsa proprja. Dan inaqqas ukoll l-impatt tal-aġġustament fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fi snin sussegwenti (ara l-paragrafi ***09*** u ***10***). Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ u gwida adegwati biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipproduċu tbassir affidabbli[28].

**55** Analizzajna l-għodda ta' tbassir maħluqa mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tat-tbassir. Eżaminajna wkoll ir-riżultati tal-proċess ta' tbassir imwettaq mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fl-2021, li kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni.

[28] Better regulation guidelines, il-Kapitolu V, Nru 3.

**56** L-għodda ta' tbassir żviluppata mill-Kummissjoni tuża rati ta' tkabbir biex tbassar l-ammont ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u l-progressjoni lineari lejn il-miri tar-riċiklaġġ biex jitbassar l-ammont riċiklat. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri (24 mis-26 li wieġbu għall-istħarriġ tagħna) qiesu li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet appoġġ adegwat fl-eżerċizzju ta' tbassir.

**57** Aħna analizzajna d-*data* rrappurtata fid-dikjarazzjonijiet annwali pprovduti mill-Istati Membri fl-2023 (*data* għall-2021) u qabbilnieha mad-*data* mbassra għall-2021 u użata biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal dik is-sena (ara l-***Figura 11***).

## Figura 11 – Differenza bejn l-ammonti mbassra u l-ammonti finali ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet annwali




*Sors:* il-QEA, abbażi tat-tbassir u d-dikjarazzjonijiet annwali.

**58** Il-maġġoranza tal-Istati Membri (22) bassru ammont li kien aktar baxx mill-ammont ikkalkulat permezz tad-*data* finali. Għal disa' Stati Membri, id-diskrepanza maċ-ċifri fid-dikjarazzjonijiet annwali kienet ta' 25 % jew aktar, u f'żewġ każijiet kienet aktar minn 50 %.

**59** Matul iż-żjarat ta’ informazzjoni u meta kkuntattjajna lill-Istati Membri, staqsejna għaliex id-differenzi kienu daqshekk kbar. L-Istati Membri semmew taħlita ta’ raġunijiet, fosthom:

- il-bidla tardiva fil-leġiżlazzjoni (b’mod partikolari dwar il-punt tal-kalkolu), li ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni fit-tbassir (ara l-paragrafu *48*);
- il-kwalità ħażina tad-*data* kkumpilata matul is-snin li ntużat bħala bażi għat-tbassir; u
- id-diffikultà biex jiġi stmat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-mudelli ta’ konsum.

**60** L-ammont totali ta’ skart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik imbassar għall-2021 kien ta’ 1.4 biljun kilogramma inqas mill-ammonti kkalkulati u rrappurtati għal dik is-sena fl-2023. B’riżultat ta’ dan, l-ammont miġbur għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik fl-2021 kien EUR 1.1 biljun inqas mill-ammont ibbażat fuq l-istimi rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet annwali. Dan jammonta għal 19 % tal-EUR 5.9 biljun miġbura għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik fl-2021. L-ammont totali tal-baġit tal-UE ma ġiex affettwat, billi r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING ikkumpensat għad-differenza (ara l-paragrafu *10*).

## Il-problemi bil-kumparabbiltà u bl-affidabbiltà tad-*data* għad iridu jiġu indirizzati

### L-Istati Membri jużaw metodi ta’ kumpilazzjoni differenti u ma jibbilanċjawx ir-riżultati miksuba

**61** L-Istati Membri huma meħtieġa jużaw żewġ metodi ta’ kumpilazzjoni primarji differenti biex jistmaw l-ammont ta’ skart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat f’sena partikolari (ara l-paragrafi *11* u *49*-*53*). Dawn huma l-metodu tal-“introduzzjoni fis-suq” u l-metodu ta’ analiżi tal-iskart. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jibbilanċjaw ir-riżultati miksuba miż-żewġ metodi biex itejbu l-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data*.

**62** Iż-żewġ approċċi użati biex jiġi stmat l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat jaf ma jipproduċux l-istess riżultat. L-approċċ tal-"introduzzjoni fis-suq" jaf jistma b'mod insuffiċjenti l-ammont ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat, filwaqt li l-analiżi tal-iskart għandha t-tendenza li tistma l-ammont b'mod eċċessiv. Għalhekk, l-ammont reali mistenni jkun xi mkien bejn iż-żewġ riżultati[29].

**63** Aħna analizzajna d-dikjarazzjonijiet annwali u vverifikajna jekk l-Istati Membri kinux qed jibbilanċjaw iż-żewġ metodi kif meħtieġ. Il-*Figura 12* tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-metodi użati mill-Istati Membri.

## Figura 12 – Metodi użati mill-Istati Membri biex jistmaw l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat




*Sors:* il-QEA, abbażi tad-*data* ppreżentata mill-Istati Membri fid-dikjarazzjonijiet annwali.

[29] Packaging and Packaging Waste Directive guidance 2023, p.131.

64 Kif jidher fil-*Figura 12*, 19-il Stat Membru użaw il-metodu tal-"introduzzjoni fis-suq" bħala l-metodu ta' kumpilazzjoni prinċipali tagħhom u 8 użaw il-metodu ta' analiżi tal-iskart. Kienu biss 14-il Stat Membru li ppreżentaw ċifri bbażati fuq iż-żewġ metodi. F'sitta minn dawn il-każijiet, kien hemm differenza ta' aktar minn 10 % bejn iż-żewġ metodi. L-ebda wieħed mill-Istati Membri ma bbilanċja ż-żewġ metodi kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni. Minflok, l-Istati Membri kollha ppreżentaw id-*data* li għandha tintuża għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni abbażi biss tal-metodu prinċipali. Billi l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri (19 minn 27) użaw il-metodu tal-"introduzzjoni fis-suq", li għandu t-tendenza li jistma b'mod insuffiċjenti l-ammont ta' skart mill-imballaġġ, x'aktarx li ċ-ċifri użati għar-riżorsa proprja ġew stmati b'mod insuffiċjenti wkoll.

65 Id-disa' Stati Membri kollha li kellna diskussjonijiet magħhom (tlieta saritilhom żjara u sitta ġew intervistati mill-bogħod abbażi tat-tweġibiet tagħhom għall-istħarriġ tagħna) qalu li kienu jeħtieġu aktar żmien biex jużaw it-tieni metodu u jibbilanċjaw iż-żewġ metodi. Ħamsa minn dawn l-Istati Membri qalu li kienu jeħtieġu aktar appoġġ u gwida f'dan il-qasam mingħand il-Kummissjoni.

66 In-nuqqas ta' użu sistematiku taż-żewġ metodi, flimkien mal-fatt li meta l-Istati Membri jużaw iż-żewġ metodi r-riżultati ma jkunux ibbilanċjati, ifisser li d-*data* użata biex jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri mhijiex kumparabbli bis-sħiħ. L-Istati Membri li jwettqu mill-ġdid il-proċeduri ta' kumpilazzjoni għall-istima tad-*data* minn snin preċedenti mhux se jkunu jistgħu jilħqu l-istess livell ta' kwalità tad-*data*.

## Il-kejl tal-ammont riċiklat ma jitteħidx fil-punt tad-dħul fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ

67 Skont id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ[30], l-iskart mill-imballaġġ riċiklat irid jiġi kkalkulat bħala l-piż tal-iskart mill-imballaġġ li jidħol fil-proċess ta' riċiklaġġ. Madankollu, meta ma tkunx tista' tinkiseb *data* affidabbli b'mod ieħor, l-Istati Membri jistgħu jkejlu l-piż fil-punt tal-ħruġ tal-operazzjoni ta' separazzjoni u japplikaw ir-rati medji ta' telf (ara l-paragrafu *12* u l-*Figura 5*).

[30] L-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

**68** Studji biex jiġi vvalutat it-telf potenzjali bejn il-punt tal-ħruġ tal-operazzjoni ta' separazzjoni u l-punt tad-dħul fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ jindikaw li dawn l-ammonti jistgħu jkunu sinifikanti u jistgħu jvarjaw b'mod sostanzjali. Pereżempju, studju[31] li twettaq għall-Kummissjoni fl-2019 analizza 15-il impjant ta' riċiklaġġ f'9 Stati Membri. Dan kien parti minn ħidma biex tiġi vvalutata d-*data* rrappurtata lill-Eurostat biex jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ marbuta mal-iskart mill-imballaġġ. L-istudju identifika rati ta' telf li jvarjaw minn 20 % sa 45 % tal-input totali tal-proċess, minħabba t-tneħħija ta' materjal mhux fil-mira jew telf ta' ndewwa.

**69** Aħna analizzajna r-rapporti dwar il-kwalità ppreżentati mill-Istati Membri u vverifikajna jekk l-Istati Membri kinux qed japplikaw ir-rekwiżit tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ. L-analiżi li wettaqna turi li sitt Stati Membri biss irrappurtaw *data* dwar ir-riċiklaġġ bl-użu tal-punt ta' kejl meħtieġ mil-leġiżlazzjoni (dħul fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ). Il-maġġoranza (19) tal-Istati Membri użaw id-deroga stabbilita fil-leġiżlazzjoni, prinċipalment billi kejlu l-ammont ta' plastik li ħareġ mill-faċilità ta' separazzjoni u applikaw ir-rati medji ta' telf li jvarjaw minn 6 % sa 54 %. Iż-żewġ Stati Membri li jifdal ma ppreżentawx din l-informazzjoni.

**70** Matul iż-żjarat fuq il-post li għamilna, osservajna li ma kienx komuni li l-faċilitajiet ta' riċiklaġġ ikollhom imwieżen biex jiżnu l-imballaġġ tal-plastik fil-punt tad-dħul fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ, li l-leġiżlazzjoni tistabbilixxi bħala l-punt tal-kalkolu. Mingħajr imwieżen fil-punt tal-kalkolu, l-ammont riċiklat irid jitkejjel indirettament bl-użu tad-deroga stabbilita fil-leġiżlazzjoni.

**71** Il-prattika tal-kejl tal-ammont ta' skart fil-punt tal-ħruġ tal-faċilità ta' separazzjoni, flimkien man-nuqqas ta' regoli ċari tal-UE dwar ir-rati medji ta' telf qabel l-operazzjoni ta' riċiklaġġ (ara l-paragrafu ***52***), tagħmel l-istimi tal-Istati Membri tal-ammonti riċiklati inqas kumparabbli u inqas affidabbli.

[31] Study to support the implementation of reporting obligations resulting from the new waste legislation adopted in 2018, ir-Rapport Finali 2019.

## Hemm riskju li d-*data* dwar il-kwantitajiet riċiklati jaf ma tkunx affidabbli, minħabba nuqqas ta' verifiki fuq l-ipproċessar tal-iskart li jasal għand ir-riċiklaturi

**72** Kif deskritt fil-paragrafu ***09***, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkumpilaw *data* dwar l-ammont ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u dwar l-ammont riċiklat. Id-definizzjoni ta' riċiklaġġ tirrikjedi li l-iskart jiġi pproċessat mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi sabiex jitqies riċiklat[32].

**Ma ssir l-ebda verifika biex jiġi żgurat li l-iskart li jasal għand ir-riċiklaturi jiġi effettivament riċiklat**

**73** Fit-tliet Stati Membri li żorna, id-*data* prinċipali li għandha tintuża għal skopijiet ta' riżorsi proprji (jiġifieri skart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat u riċiklat) ġiet fornuta lill-awtoritajiet nazzjonali mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi (PROs). Dawn l-organizzazzjonijiet inħolqu fl-Istati Membri biex jindirizzaw ir-rekwiżiti nazzjonali tar-responsabbiltajiet estiżi tal-produttur (EPR), kif iddefinit fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (ara l-***Kaxxa 1***).

### Kaxxa 1

### Organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tiddefinixxi l-"iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur" (skema EPR) bħala sett ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiżguraw li l-produtturi jerfgħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-istadju tal-iskart taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott tagħhom.

L-applikazzjoni tal-kunċett tal-EPR spiss tinvolvi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi (PROs), li jaġixxu f'isem diversi produtturi tal-imballaġġ biex jistabbilixxu sistemi għall-ġbir u għar-riċiklaġġ tal-iskart tagħhom. Il-PROs huma responsabbli wkoll mill-ilħuq tal-miri tar-riċiklaġġ.

L-Istati Membri jista' jkollhom PRO waħda jew aktar li jittrattaw l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik u jirrappurtaw id-*data* rilevanti lill-awtoritajiet. Pereżempju, in-Netherlands għandhom PRO waħda, l-Italja għandha ħames PROs li jirrappurtaw id-*data* permezz ta' konsorzju, u r-Rumanija għandha 16, li kull waħda minnhom tirrapporta b'mod indipendenti lill-awtoritajiet nazzjonali.

[32] L-Artikolu 3(17) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, 2008/98/KE.

**74** Matul iż-żjarat fit-tliet Stati Membri, ġbarna informazzjoni dwar it-tip ta' verifiki mwettqa biex niżguraw li d-*data* użata tkun suffiċjentement affidabbli. Aħna sibna li xi wħud minnhom twettqu fuq il-produtturi tal-iimballaġġ tal-plastik biex tiġi vverifikata l-affidabbiltà tad-*data* pprovduta. Dawn kienu twettqu mill-PROs jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

**75** Madankollu, la l-awtoritajiet tal-Istati Membri u lanqas il-Kummissjoni ma wettqu verifiki jew awditi biex jivvalutaw jekk l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li jasal għand ir-riċiklaturi kienx ġie effettivament ipproċessat fi prodotti oħra. Il-proċeduri ta' verifika tal-Eurostat ma jinkludu l-ebda verifika fuq ir-riċiklaturi. La l-leġiżlazzjoni ambjentali u lanqas il-leġiżlazzjoni dwar ir-riżorsi proprji ma jirrikjedu li jitwettqu verifiki ta' dan it-tip.

**76** Sibna wkoll riskju għoli ħafna li r-riċiklaturi ma jipproċessawx l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li jasal għandhom, minħabba r-raġunijiet spjegati fil-paragrafi li ġejjin.

**77** L-awtoritajiet u r-riċiklaturi fit-tliet Stati Membri kollha li żorna qalu li, għal ħafna tipi ta' imballaġġ tal-plastik, ir-riċiklaġġ ma kienx ekonomikament vijabbli billi l-plastik verġni kien orħos mill-plastik riċiklat. Għalhekk, il-PROs kellhom jikkumpensaw lir-riċiklaturi talli rċevew skart mill-imballaġġ tal-plastik fil-faċilitajiet tagħhom biex jilħqu l-miri ta' riċiklaġġ stabbiliti fil-leġiżlazzjoni. Dan iżid ir-riskju li r-riċiklaturi ma jkollhom l-ebda inċentiv biex jinvestu riżorsi ulterjuri fl-ipproċessar tal-iskart li jasal għandhom.

**78** L-akbar PRO għall-imballaġġ tal-plastik f'wieħed mill-Istati Membri li żorna (li jkopri madwar 84 % tas-suq), ipprovditilna informazzjoni dwar il-vijabbiltà ekonomika tar-riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik. Il-***Figura 13*** turi l-ammont ta' imballaġġ tal-plastik li għalih irċevew pagament mingħand ir-riċiklaturi u l-ammont li għalih ħallsu kontribuzzjoni lir-riċiklaturi fl-2022. Għall-biċċa l-kbira mill-plastik li ntbagħat lir-riċiklaturi, ma kien hemm l-ebda suq disponibbli vijabbli. Dan ifisser li ma kien hemm l-ebda inċentiv ekonomiku biex dan jiġi riċiklat.

## Figura 13 – Vijabbiltà ekonomika baxxa tar-riċiklaġġ ta’ skart mill-imballaġġ tal-plastik (eżempju fi Stat Membru wieħed)




*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ informazzjoni miġbura fi Stat Membru wieħed.

**79** Barra minn hekk, billi l-maġġoranza tal-Istati Membri jużaw id-deroga fir-rigward tal-punt tal-kalkolu (ara l-paragrafu *69*), l-iskart ma jitkejjilx fil-punt tad-dħul fl-operazzjoni ta’ riċiklaġġ, iżda fil-punt tal-ħruġ tal-operazzjoni ta’ separazzjoni biss. Għalhekk, hemm aċċertament limitat li l-iskart li r-riċiklaturi jiddikjaraw li rċevew jiġi fil-fatt ipproċessat.

**80** Jekk l-iskart tal-plastik li jasal għand ir-riċiklaturi ma jiġix ipproċessat kif meħtieġ mid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, u minflok jiġi trasportat jew jintrema b’mod illegali, dan jikkostitwixxi reat ambjentali. Il-Valutazzjonijiet ta’ Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-Europol minn snin reċenti[33] juru li dan it-tip ta’ reat huwa theddida sinifikanti u fokus ewlieni tax-xogħol li twettaq.

**81** Ir-rapport analitiku tal-QEA dwar l-azzjoni tal-UE biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-iskart tal-plastik[34] jiddeskrivi f’aktar dettall il-mekkaniżmi relatati mat-traffikar tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik. Dan jenfasizza li r-rimi illegali tal-iskart huwa marbut mal-kriminalità organizzata u mal-ħasil tal-flus. Ir-rapport analitiku josserva wkoll li din hija waħda mill-aktar attivitajiet illegali li jħallu qligħ fid-dinja, minħabba r-riskju baxx ta’ prosekuzzjoni u multi baxxi.

[33] SOCTA 2013, SOCTA 2017 u SOCTA 2021.

[34] Ir-Rapport Analitiku 04/2020: Azzjoni tal-UE biex tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik.

**82** L-Istati Membri huma responsabbli mill-azzjonijiet ta' infurzar f'dan il-qasam. Id-Direttiva tal-2008 dwar ir-Reati Ambjentali tal-UE[35] tistipula standard minimu ta' protezzjoni ambjentali permezz tad-dritt kriminali li għandu jiġi adottat mill-Istati Membri. Madankollu, fl-2020 evalwazzjoni mill-Kummissjoni kkonkludiet li d-direttiva ma tantx kellha effett fil-prattika[36].

**83** Il-***Kaxxa 2*** tagħti eżempji ta' kif l-attivitajiet illegali jistgħu jaffettwaw l-affidabbiltà tal-ammonti ddikjarati bħala riċiklati, billi tippreżenta żewġ każijiet fil-ħajja reali li ġew skoperti reċentement mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fi tliet Stati Membri.

## Kaxxa 2

## Eżempji ta' attivitajiet illegali li jikkonċernaw l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik

**Traffikar tal-iskart bejn Franza u Spanja**

Operazzjoni konġunta bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' Spanja u Franza fl-2022 skopriet network li jittraffika l-iskart minn Franza u li jarmih b'mod illegali f'landfill fi Spanja[37].

It-taħlita ta' plastik, karti u kartun kienet ġiet iddikjarata bħala li ntbagħtet għar-riċiklaġġ. Minn nofs l-2020, iktar minn 30 000 tunnellata ta' skart bħal dan ġew ittraffikati lejn Spanja, li minnhom in-network għamel miljuni fi profitti.

**Grupp kriminali speċjalizzat fil-falsifikazzjoni ta' ammonti riċiklati fir-Rumanija**

Fl-2023, l-awtoritajiet tar-Rumanija identifikaw grupp kriminali organizzat li kien ilu jopera għal dawn l-aħħar 10 snin fil-ġestjoni tal-iskart[38]. L-iskop tiegħu kien li jikseb vantaġġ finanzjarju mhux dovut billi jirrapporta l-akbar ammont possibbli ta' skart fittizju bħala riċiklat. Il-grupp ipproduċa fatturi foloz biex juri li l-iskart kien inbiegħ jew ġie kkonsenjat lil diversi riċiklaturi/kolletturi.

---

[35] Id-Direttiva 2008/99/KE.

[36] Evaluation report of the Environmental Crime Directive.

[37] Stqarrija għall-istampa tal-Pulizija Spanjola, 23.07.2022.

[38] Stqarrija għall-istampa tad-Direttorat għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu tar-Rumanija, 21.03.2023.

**84** Minħabba nuqqas ta' verifiki u l-fatturi deskritti fil-paragrafi *77* sa *83*, hemm riskju sinifikanti li parti mill-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li jasal għand ir-riċiklaturi jaf ma tiġix sussegwentement riċiklata. Ir-rimi illegali tal-iskart, meta l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iddikjarat bħala riċiklat jiġi fil-fatt inċinerat, mormi fl-ambjent naturali jew mibgħut f'landfill, iwassal għal tnaqqis fl-ammonti pagabbli għar-riżorsa proprja. L-ammont totali ddikjarat bħala riċiklat mill-Istati Membri kien ta' 6.6 biljun kilogramma (41 % tal-iskart totali ġġenerat) għall-2021, u jammonta għal tnaqqis ta' EUR 5.3 biljun f'kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

**L-Istati Membri ma jistgħux jiżguraw li l-kundizzjonijiet għar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik esportat barra mill-UE huma ġeneralment ekwivalenti għall-proċessi ta' riċiklaġġ tal-UE**

**85** Skont id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ, meta l-iskart jiġi esportat barra mill-UE biex jiġi riċiklat, l-Istati Membri jeħtiġilhom juru li l-kundizzjonijiet huma ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE (ara l-paragrafu *14*).

**86** Kif deskritt fil-paragrafi *73* sa *84*, ftit hemm aċċertament li l-iskart li jasal għand ir-riċiklaturi fl-UE jiġi sussegwentement riċiklat. L-istess japplika għall-iskart tal-plastik li jiġi esportat barra mill-UE biex jiġi riċiklat. Minkejja li r-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart jimponi limitazzjonijiet fuq il-pajjiżi li jistgħu jirċievu skart tal-plastik mill-UE, l-Istati Membri bħalissa mhumiex f'pożizzjoni li jivverifikaw li l-iskart esportat barra mill-UE jiġi riċiklat f'kundizzjonijiet li jkunu ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-UE.

**87** L-Istati Membri li żorna u dawk li intervistajna mill-bogħod b'segwitu għat-tweġibiet tagħhom għall-istħarriġ tagħna qalu li, fil-każ ta' esportazzjonijiet barra mill-UE, huwa diffiċli ħafna biex tinkiseb informazzjoni dwar l-ammonti riċiklati abbażi tal-punt tal-kalkolu. Għalhekk, ma hemm l-ebda aċċertament li dan l-iskart jiġi effettivament riċiklat. Dan joħloq riskju għall-affidabbiltà tad-*data* użata għal skopijiet ta' riżorsi proprji.

**88** L-ammont ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik li ġie ddikjarat bħala riċiklat barra mill-UE fid-dikjarazzjonijiet annwali ppreżentati mill-Istati Membri f'Lulju 2023 (li jirreferu għas-sena 2021) kien ta' 268 miljun kilogramma (4.1 % tal-ammont totali riċiklat). Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' EUR 214-il miljun f'kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

## L-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni jsegwu proċessi stabbiliti sew, iżda mhumiex suffiċjenti biex jindirizzaw l-ogħla riskji għall-kumpilazzjoni tad-*data*

**89** Il-proċess ta' verifika tal-Eurostat, li jinvolvi spezzjonijiet u verifiki fl-uffiċċju, jenħtieġ li jkopri b'mod adegwat ir-riskji għall-kumpilazzjoni tad-*data* dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, u jwassal għal titjib fil-kumparabbiltà, fl-affidabbiltà u fil-kompletezza tad-*data*[39].

**90** L-Eurostat juża proċess pluriennali biex jivverifika d-*data* tal-Istati Membri. L-ewwel proċess ta' verifika beda f'Settembru 2023 (wara li l-Istati Membri ppreżentaw id-*data* tagħhom għall-2021) u se jintemm fl-2026. Il-verifiki huma bbażati fuq dikjarazzjonijiet annwali, rapporti dwar il-kwalità u inventarji ta' sorsi u metodi użati biex tiġi kkumpilata d-*data* statistika rilevanti (ara d-dettalji fil-***Kaxxa 3***). Dawn jinkludu wkoll żjarat ta' spezzjoni fl-Istati Membri. B'riżultat tal-ispezzjonijiet tiegħu, u bl-objettiv li jipproteġi l-baġit tal-UE, id-DĠ BUDG jistabbilixxi riżervi dwar il-proċeduri ta' kumpilazzjoni tal-Istati Membri meta jkun meħtieġ. Dawn jistgħu jitneħħew malli jsir it-titjib meħtieġ fil-proċeduri ta' kumpilazzjoni. Madankollu, bħal fil-każ ta' riżorsi proprji oħra, il-proċess ta' tneħħija tar-riżervi jista', fil-prattika, idum diversi snin.

---

39 Il-Premessa 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 595/2023.

## Kaxxa 3

## Dokumenti ewlenin prodotti mill-Istati Membri



**<u>Dikjarazzjoni annwali</u>**

Rapport li jipprovdi *data* statistika dwar il-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat fl-Istat Membru u l-piż riċiklat, u jinkludi l-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik.



**<u>Rapport dwar il-kwalità</u>**

Dokument prodott bħala parti mill-ġbir tad-*data* annwali skont id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ. Dan jinkludi deskrizzjoni qasira tal-proċessi ta' kumpilazzjoni għad-*data* dwar il-ġenerazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ.



**<u>Inventarju tas-sorsi u tal-metodi</u>**

Deskrizzjoni dettaljata tas-sorsi, tal-metodi u tal-proċessi ta' kumpilazzjoni użati biex tiġi prodotta d-*data* għad-dikjarazzjonijiet annwali.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/595, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE u d-dokument SPPW/2021-1/07 tal-Kummissjoni.

**91** Aħna eżaminajna l-mudell tal-Eurostat għall-analiżi tar-riskju u l-mod kif dan ġie applikat biex l-Istati Membri jiġu prijoritizzati għal żjarat ta' spezzjoni. Analizzajna wkoll il-proċeduri tal-Eurostat għat-twettiq tal-verifiki tiegħu fl-Istati Membri. Fl-istħarriġ li wettaqna, staqsejna lill-Istati Membri jekk l-approċċ ta' verifika tal-Eurostat kienx ikopri r-riskji prinċipali għar-riżorsa proprja. Sibna li l-qafas ta' verifika tal-Eurostat segwa proċessi u metodoloġiji simili għal dawk li l-Kummissjoni tapplika għall-verifika ta' riżorsi proprji oħra, bħal riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u dawk ibbażati fuq il-VAT.

**92** Iż-żjarat ta' spezzjoni tal-Eurostat jistgħu jinkludu verifika diretta tad-*data* f'oqsma ta' riskju ogħla f'kull Stat Membru. Dan jinvolvi l-verifikazzjoni ta' aspett wieħed jew aktar tal-kumpilazzjoni tad-*data*, bl-għan li jiġi stabbilit rendikont tal-verifika mill-komponenti tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik magħżula sas-sors tad-*data*. Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, l-Eurostat ma kien żviluppa l-ebda kriterju għall-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' verifiki diretti fl-Istati Membri. In-nuqqas ta' kriterji armonizzati joħloq riskju li l-uffiċjali responsabbli għandhom mnejn ma japplikawx approċċ konsistenti għall-verifiki diretti fi Stati Membri differenti. Sa Frar 2024, l-Eurostat ma kienx wettaq verifiki diretti tal-proċeduri ta' kumpilazzjoni tad-*data* fl-ebda wieħed mill-ħames Stati Membri li kien spezzjona.

**93** Ir-riżultati tal-istħarriġ juru li l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri (81 % ta’ dawk li wieġbu għall-istħarriġ tagħna) qiesu li l-proċess ta’ verifika propost mill-Eurostat kopra r-riskji prinċipali bis-sħiħ jew parzjalment. Madankollu, madwar nofs l-Istati Membri ma kinux jistennew li l-proċess ta’ verifika jindirizza b’mod suffiċjenti r-riskji relatati mal-metodu tal-“introduzzjoni fis-suq” u mal-metodu ta’ analiżi tal-iskart, l-ibbilanċjar, in-nuqqas ta’ verifika indipendenti tad-*data* dwar l-ammonti riċiklati u n-nuqqas ta’ stimi affidabbli għar-rati ta’ telf.

**94** Billi diversi kwistjonijiet metodoloġiċi għadhom ma ġewx indirizzati, se jkun diffiċli li jiġi żgurat li r-riskji prinċipali li jikkonċernaw il-kwalità tad-*data* tal-Istati Membri jiġu koperti b’mod adegwat matul iċ-ċiklu ta’ verifika attwali. Xi kwistjonijiet jirrikjedu l-adozzjoni ta’ gwida jew leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, pereżempju rati medji ta’ telf (ara l-paragrafi ***51*** u ***52***), u għalhekk ma jistgħux jiġu indirizzati biss mill-verifiki u mill-istabbiliment ta’ riżervi sussegwenti mill-Eurostat. Kwistjonijiet oħra, bħan-nuqqas ta’ verifiki fuq l-ipproċessar tal-iskart li jasal għand ir-riċiklaturi, mhumiex koperti mill-ambitu tal-verifiki tal-Eurostat (ara l-paragrafu ***75***).

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**95** Nikkonkludu li l-Istati Membri ma kinux suffiċjentement imħejjija għall-implimentazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik u li, minkejja li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ u għall-appoġġ tal-implimentazzjoni kienu utli biex itejbu l-kwalità tad-*data*, ma kinux f'waqthom. Nikkonkludu wkoll li d-*data* użata għal skopijiet ta' riżorsi proprji ma kinitx suffiċjentement kumparabbli u affidabbli. Dan jaffettwa wkoll id-*data* li tintuża għar-rappurtar dwar l-ilħuq tal-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ.

**96** Sibna wkoll li kien hemm xi xkiel fl-introduzzjoni tar-riżorsa proprja ġdida. L-Istati Membri damu ma ttrasponew aspetti legali ewlenin u l-Kummissjoni ma tatx segwitu b'mod f'waqtu għal kwistjonijiet relatati mat-traspożizzjoni li jaffettwaw il-kalkolu tar-riżorsa proprja (ara l-paragrafi ***27***-***33***). Filwaqt li dan kien parzjalment affettwat mir-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19, aħna sibna li l-appoġġ li l-Kummissjoni tat lill-Istati Membri fl-istadji bikrija tal-implimentazzjoni kien utli iżda mhux f'waqtu (ara l-paragrafi ***34***-***41***). L-adozzjoni tardiva ta' rekwiżiti legali ewlenin ippreveniet l-introduzzjoni armonizzata tar-riżorsa proprja (ara l-paragrafi ***44***-***53***). Dawn il-kwistjonijiet kellhom impatt fuq l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik, u l-ammont miġbur abbażi tat-tbassir tal-Istati Membri kien EUR 1.1 biljun inqas mill-ammont ibbażat fuq l-istimi rrappurtati fid-dikjarazzjonijiet annwali, differenza li kellha tiġi kkumpensata mir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING u għalhekk ma kellhiex impatt fuq il-baġit tal-UE (ara l-paragrafi ***54***-***60***). Fis-snin li ġejjin mistenni jiġu introdotti aktar riżorsi proprji (ara l-paragrafu ***02***).

## Rakkomandazzjoni 1 – Jiġu applikati t-tagħlimiet meħuda mill-introduzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik

Meta tħejji r-riżorsi proprji futuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tidentifika l-bidliet leġiżlattivi meħtieġa bi skeda ta' żmien stmata għall-proposta;

(b) meta riżorsi proprji ġodda jkunu bbażati fuq *data* rrappurtata mill-Istati Membri, tidentifika r-riskji ewlenin li jaffettwaw il-kwalità tad-*data* u tikkondividi l-informazzjoni mal-Istati Membri qabel l-introduzzjoni tar-riżorsi proprji ġodda;

(c) tistabbilixxi proċedura effiċjenti għas-segwitu ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti li jiġi identifikat fit-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-kwalità tad-*data*.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: għal riżorsi proprji ġodda proposti wara l-2024**

**97** L-Istati Membri ma kinux applikaw proċeduri ewlenin ta' kumpilazzjoni tad-*data*, bħall-użu taż-żewġ metodi ta' kumpilazzjoni għall-iskart iġġenerat u l-ibbilanċjar tar-riżultati (ara l-paragrafi ***61***-***66***); l-użu tal-punt ta' kejl speċifikat mil-leġiżlazzjoni biex jiġu kkalkulati l-ammonti riċiklati, jew l-użu ta' rati medji ta' telf abbażi ta' regoli armonizzati (ara l-paragrafi ***67***-***71***). Osservajna wkoll li d-definizzjoni ta' *plastik* fid-dokumenti legali tal-UE kienet tvarja (ara l-paragrafi ***43***-***45***), u li mhux l-Istati Membri kollha kienu ttrasponew ir-regoli dwar il-kumpilazzjoni meħtieġa mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (ara l-paragrafi ***30*** u ***31***).

## Rakkomandazzjoni 2 – Jittejbu l-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-*data*

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tistabbilixxi skeda ta' żmien, flimkien mal-Istati Membri, biex tindirizza d-diffikultajiet li jipprevienu lil kull pajjiż milli jistma l-iskart iġġenerat bl-użu taż-żewġ metodi u jibbilanċja r-riżultati;

(b) tidentifika, flimkien mal-Istati Membri, id-diffikultajiet li jipprevenuhom milli jużaw il-punt tal-kalkolu fil-punt tad-dħul għall-proċess tar-riċiklaġġ biex jistabbilixxu l-ammonti ddikjarati bħala riċiklati, u tieħu azzjoni biex tindirizza dawk id-diffikultajiet;

(c) tippreżenta proposta riveduta ta' att delegat biex jiġu stabbiliti r-rati medji ta' telf;

(d) tipproponi l-allinjament tad-definizzjoni ta' "plastik" fit-testi kollha użati għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026**

**98** Il-qafas legali ma jipprevedix verifiki fuq il-proċessi ta' riċiklaġġ. Għalhekk, hemm riskju li l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iddikjarat bħala riċiklat għandu mnejn ma jkunx fil-fatt ġie riċiklat fil-każijiet kollha (ara l-paragrafi ***72-84***). Sibna wkoll li l-Istati Membri ma kinux f'pożizzjoni li jiżguraw li l-kundizzjonijiet għar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik barra mill-UE kienu ġeneralment ekwivalenti għall-proċessi ta' riċiklaġġ tal-UE (ara l-paragrafi ***85-88***). L-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni segwew proċessi stabbiliti sew, iżda ma indirizzawx suffiċjentement l-ogħla riskji għall-kumpilazzjoni tad-*data* (ara l-paragrafi ***89-94***).

## Rakkomandazzjoni 3 – Jittaffa r-riskju li l-iskart li jintbagħat lir-riċiklaturi sussegwentement ma jiġix riċiklat

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju li l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li jintbagħat lir-riċiklaturi fi ħdan l-UE u lil hinn minnha sussegwentement ma jiġix riċiklat, tidentifika azzjonijiet xierqa biex ittaffi dan ir-riskju, u tiddiskutihom mal-Istati Membri bil-ħsieb li dawn jiġu implimentati.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027**

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla V, immexxija mis-Sur Jan Gregor, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Lulju 2024.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Annessi

## Anness I – Il-kontribuzzjonijiet netti tal-Istati Membri għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik fl-2023 u t-tnaqqis korrispondenti




*Sors:* il-QEA, abbażi tat-Tabella 3 tal-baġit ta' emenda Nru 4 tal-UE għas-sena finanzjarja 2023.

# Abbrevjazzjonijiet

**DĠ BUDG:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit

**DĠ ENV:** Id-Direttur Ġenerali għall-Ambjent

**EPR:** Responsabbiltà estiża tal-produttur

**Eurostat:** L-Uffiċċju tal-istatistika tal-UE

**ING:** Introjtu nazzjonali gross

**PNG:** Prodott nazzjonali gross

**PRO:** Organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi

**SSIP:** Statistika dwar l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik

**VAT:** Taxxa fuq il-valur miżjud

# Glossarju

**Approċċ tal-"introduzzjoni fis-suq":** Metodu biex jiġi stmat l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik fil-mument li fih il-prodott jiġi fornut għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu, l-aktar abbażi ta' *data* minn produtturi tal-imballaġġ tal-plastik.

**Organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi:** Korp stabbilit mill-manifatturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-impatt ambjentali tal-prodotti tagħhom.

**Responsabbiltà estiża tal-produtturi:** Approċċ li jżid l-istadju ta' wara l-konsum ta' ċiklu tal-ħajja ta' prodott, inklużi r-riċiklaġġ u r-rimi, mar-responsabbiltajiet ambjentali tal-produttur.

# Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-16

# Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-16

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jistabbilixxu r-riżultati tal-awditi tagħha tal-politiki u tal-programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar bil-għan li jħallu l-akbar impatt possibbli billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Awditjar – Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni, li hija mmexxija minn Jan Gregor, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Lefteris Christoforou, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Theodosis Tsiolas, Kap tal-Kabinett, u Panagiota Liapi, Attaché tal-Kabinett; Alberto Gasperoni, Maniġer Prinċipali; José Parente, Kap tal-Kompitu; Diana Voinea, Deputat Kap tal-Kompitu, Tadhg Ó Caoimh, Eda Caliskan u Marco Fians, Awdituri. Giuliana Lucchese pprovdiet appoġġ fid-disinn grafiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Panagiota Liapi, Alberto Gasperoni, José Parente, Diana Voinea, Lefteris Christoforou, Tadhg Ó Caoimh, Eda Caliskan, Marco Fians u Theodosis Tsiolas.

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-2868-2 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/625935 | QJ-AB-24-018-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-2851-4 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/83832 | QJ-AB-24-018-MT-N |

F’Jannar 2021, l-UE introduċiet riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat mill-Istati Membri. Fl-2023, din ammontat għal EUR 7.2 biljun, jiġifieri 4.0 % tad-dħul totali tal-UE. Aħna vvalutajna l-introduzzjoni ta’ din ir-riżorsa proprja ġdida. Nikkonkludu li l-Istati Membri ma kinux suffiċjentement ippreparati, u li d-data użata ma kinitx suffiċjentement kumparabbli u affidabbli. Minkejja li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni tejbu l-kwalità tad-data, dawn ma kinux f’waqthom. Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tapplika t-tagħlimiet meħuda mill-introduzzjoni ta’ din ir-riżorsa proprja ġdida, ittejjeb il-kumparabbiltà u l-affidabbiltà tad-data, u ttaffi r-riskju li l-iskart li jintbagħat lir-riċiklaturi ma jiġix effettivament riċiklat.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors